



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15555/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0409(NLE)

ECOFIN 1194
FIN 1173
UEM 360

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Novembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 726 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10158/21 u ST 10158/21 ADD 1) dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Ġermanja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 726 final.

Mehmuż: COM(2023) 726 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.11.2023
COM(2023) 726 final

2023/0409 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10158/21 u ST 10158/21 ADD 1)
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-
Ġermanja**

{SWD(2023) 371 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10158/21 u ST 10158/21 ADD 1)
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-
Ġermanja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (national recovery and resilience plan, "RRP") mill-Ġermanja fit-28 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021².
- (2) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura ta' kull Stat Membru tiġi aġġornata sat-30 ta' Ġunju 2022 f'konformità mal-metodoloġija pprovduta fih. Fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati ta' dak l-aġġornament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (3) Fid-9 ta' Diċembru 2022, il-Ġermanja ppreżentat l-RRP emendat tagħha lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Wara l-preżentazzjoni tal-RRP modifikat mill-Ġermanja, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2023³.
- (4) Fil-15 ta' Settembru 2023, il-Ġermanja ppreżentat RRP nazzjonali modifikat, f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, lill-Kummissjoni. L-RRP modifikat iqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata.
- (5) Fl-14 ta' Lulju 2023, il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet lill-Ġermanja fil-kuntast tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, il-Kunsill irrakkomanda lill-

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

² ST 10158/21 u ST 10158/21 ADD 1.

³ ST 5536/23.

Ġermanja taċċellera b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni tal-RRP rivedut tagħha. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li l-Ġermanja tħaffef id-diġitalizzazzjoni tas-servizz pubbliku u tagħti spinta lill-investiment f'networks ta' komunikazzjoni diġitali b'kapaċità għolja, tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili u żżid l-isforzi tal-effiċjenza enerġetika fit-trasport, il-bini u l-industrija, inkluż permezz ta' investimenti f'sistemi tat-tisħin ekoloġiku. Ir-rakkomandazzjonijiet jinkludu wkoll it-tisħin tal-isforzi ta' politika tal-Ġermanja mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika, it-titjib tal-inċentivi fiskali biex jiżdiedu s-siġġat maħduma u s-salvagwardja tas-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet.

- (6) Il-preżentazzjoni tal-RRP modifikat segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, li jinvolvi awtoritajiet reġjonali, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, assoċjazzjonijiet ambjentali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sommarju tal-konsultazzjonijiet ġie ppreżentat flimkien mal-RRP nazzjonali modifikat. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP modifikat, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.

Aġġornamenti bbażati fuq l-Artikolu 18(2) tar-Regolament 2021/241

- (7) L-RRP modifikat ippreżentat mill-Ġermanja jaġġorna żewġ miżuri billi jżid il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa tagħhom u jżid miżura ġdida biex titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. Il-Ġermanja spjegat li minħabba li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima żdiedet minn EUR 26 359 833 613⁴ għal EUR 28 018 501 973 ⁵, modifika ta' tliet miżuri fil-pjan kienet ġustifikata biex tqabbel il-kontribuzzjoni miżjuda. Għal żewġ miżuri tal-komponent 1.2 “Mobilità li ma tagħmilx ħsara lill-klima”, żdied il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa, b'mod partikolari għal 1.2.1 “Appoġġ għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar” u 1.2.3 “Appoġġ għas-sostituzzjoni tal-flotta ta' vetturi privati” u l-miżura ġdida 1.1.6 “Appoġġ federali għal networks effiċjenti tas-sħana” ġiet introdotta fil-komponent 1.1 “Dekarbonizzazzjoni bl-użu tal-idroġenu rinnovabbli b'mod partikolari”.
- (8) Il-miżura l-ġdida 1.1.6 fil-komponent 1.1. hija investiment biex jiġi pprovdut appoġġ ta' finanzjament għall-espansjoni u t-trasformazzjoni ta' sistemi ta' tisħin distrettwali biex jiġu integrati l-enerġija rinnovabbli u s-sħana mormija u għall-kostruzzjoni ta' sistemi ġodda ta' tisħin distrettwali bbażati fuq sorsi tal-enerġija rinnovabbli u s-sħana mormija. Il-miżura tiffinanzja wkoll studji tal-fattibbiltà u pjanijiet ta' trasformazzjoni biex tiġi ffaċilitata d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-tisħin distrettwali tal-Ġermanja sal-2045.
- (9) Rigward il-modifika għall-miżuri tal-komponent 1.2, tiżdied il-mira 24 tal-miżura 1.2.1 (Appoġġ għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar), u tiżdied il-mira 30a tal-miżura 1.2.3 (Appoġġ għas-sostituzzjoni tal-flotta ta' vetturi privati) biex jiżdied il-

⁴ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Ġermanja tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

⁵ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Ġermanja tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

livell ta' implimentazzjoni meħtieġa meta mqabbel mal-pjan oriġinali, li jirrifletti ż-żieda fil-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Ġermanja.

- (10) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet imressqa mill-Ġermanja jiġġustifikaw l-aġġornament skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Rispons bilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

- (11) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a), u mal-Anness V, il-kriterju 2.1, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu l-isfidi speċifiċi għall-Istat Membru kkonċernat u l-allokazzjoni finanzjarja għalih.
- (12) L-RRP modifikat iżid il-livell ta' ambizzjoni rigward l-ewwel pilastru dwar it-tranżizzjoni ekoloġika meta mqabbel mal-RRP oriġinali. L-ambizzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika tiżdied hekk kif aktar appoġġ għall-konstruzzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar u għas-sostituzzjoni ta' vetturi elettriċi privati jnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, u l-appoġġ li għadu kif ġie miżjud għan-networks tat-tisħin distrettwali ekoloġiku jtejjeb l-effiċjenza enerġetika u jaċċellera d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija u tal-bini b'mod partikolari.
- (13) Għall-pilastri l-oħra, in-natura u l-firxa tal-modifiki proposti għall-RRP ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni pożittiva approvata permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 li tirrappreżenta fil-biċċa l-kbira rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u fuq il-kontribut xieraq tiegħu għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241.

L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti tal-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (14) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u mal-Anness V, il-kriterju 2.2, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat huwa mistenni jikkontribwixxi għall-indirizzar b'mod effettiv tal-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti indirizzati lill-Ġermanja, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, u r-rakkomandazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati b'mod uffċjali mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (15) B'mod partikolari, l-RRP modifikat iqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati b'mod formali mill-Kunsill qabel il-valutazzjoni tal-pjan modifikat mill-Kummissjoni. Peress li l-allokazzjoni finanzjarja massima għall-Ġermanja ġiet aġġustata 'l fuq, ir-rakkomandazzjonijiet strutturali kollha għall-2022 u l-2023 jitqiesu fil-valutazzjoni ġenerali.
- (16) Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti kollha bħala parti mis-Semestru Ewropew 2023, il-Kummissjoni ssib li sar progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 2019.2.5 dwar it-tisħiħ tal-kundizzjonijiet li jappoġġaw tkabbir ogħla fil-pagi.
- (17) L-RRP modifikat jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-

pajjiż indirizzati lill-Ġermanja mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari dwar it-tnaqqis tad-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u t-titjib tal-isforzi tal-effiċjenza enerġetika (2022.4.1 u 2022.4.2), u dwar l-effiċjenza enerġetika fit-trasport u l-bini, inkluż permezz ta' investimenti f'sistemi ta' tisħin distrettwali ekoloġiku (CSR 2023.4.3 u 2023.4.4). Dan isir billi jiġu ffinanzjati kemm il-kostruzzjoni ta' networks ġodda ta' tisħin distrettwali ekoloġiku kif ukoll id-dekarbonizzazzjoni tan-networks eżistenti. L-iskema se tappoġġa l-faċilitajiet ta' ġenerazzjoni tas-sħana rinnovabbli u l-miżuri meħtieġa biex jintegraw is-sħana rinnovabbli u s-sħana mormija, inklużi miżuri tal-effiċjenza enerġetika u unitajiet tal-ħżin, u tinċentiva l-implimentazzjoni ta' strateġiji tad-dekarbonizzazzjoni. Il-miżura hija kompletament f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet biex jiżdiedu l-isforzi biex tiġi ffrankata l-enerġija u jiġu sostitwiti l-fjuwils fossili u hija komplementari għar-riformi li għaddejjin fil-Ġermanja.

- (18) F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet 2022.4.1 u 2022.4.2 li jiffukaw fuq it-tnaqqis ġenerali tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u t-titjib tal-effiċjenza enerġetika u r-rakkomandazzjoni 2023.4.3 biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika fis-settur tat-trasport, qed isir sforz imdaqqas biex jiġu aċċellerati investimenti fil-mobilità li ma tagħmilx ħsara lill-klima. L-RRP oriġinali kien fih miżuri għall-promozzjoni tal-bejgħ ta' vetturi elettriċi, li jappoġġaw vetturi elettriċi bil-batterija. Dan l-isforz ġie kkomplementat b'appoġġ għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar. Il-pjan modifikat jinkludi żieda fil-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa tal-miżuri 1.2.1 *Appoġġ għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar* u 1.2.3 *Appoġġ għas-sostituzzjoni tal-flotta ta' vetturi privati*. Il-miżuri skont il-komponent 1.2 *Mobilità li ma tagħmilx ħsara lill-klima* huma mistennija jappoġġaw lill-Ġermanja biex tilħaq il-miri tagħha ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur tat-trasport. L-iskema ta' appoġġ għall-vetturi elettroniċi tal-miżura 1.2.3 hija mistennija tagħti spinta b'mod dirett lid-domanda għal dawn it-tipi ta' karozzi tal-passiġġieri permezz ta' appoġġ immirat, filwaqt li l-miżura 1.2.1 hija mistennija li testendi aktar l-infrastruttura tal-iċċarġjar meħtieġa.
- (19) Billi jindirizza l-isfidi msemmiya hawn fuq, l-RRP modifika huwa mistenni jikkontribwixxi wkoll għall-korrezzjoni tal-iżbilanċi, kif identifikati fir-rakkomandazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fl-2019, l-2020, l-2022 u l-2023, li qed tiffaċċja l-Ġermanja, b'mod partikolari fir-rigward tas-surplus fil-kont kurrenti kbir persistenti tagħha li jirrifletti wkoll investiment imrażżan meta mqabbel mat-tfaddil.

Kontribut għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (20) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c), u mal-Anness V, il-kriterju 2.3, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat huwa mistenni jkollu impatt kbir (Klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Ġermanja, li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk itejjeb il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.
- (21) L-RRP modifikat, bit-tisħiħ ta' miżuri rigward it-tranżizzjoni klimatika u bil-għan tat-tbeġhid mill-fjuwils fossili u ż-żieda fl-effiċjenza enerġetika f'ċirkostanzi li fihom prezzijiet għoljin tal-enerġija fossili jkollhom impatt negattiv sinifikanti fuq l-

ekonomija, jikkostitwixxi kontribut ewlieni għall-potenzjal tat-tkabbir u r-reżiljenza. B'mod partikolari, il-modifiki jsaħħu l-investimenti u l-appoġġ għall-investment fid-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-bini u tal-enerġija kif ukoll il-mobbiltà li ma tagħmilx ħsara lill-klima.

- (22) Il-modifiki tal-pjan ma jaffettwawx l-impatt ġenerali tal-pjan oriġinali fil-promozzjoni tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, kif ukoll l-impatt tal-pjan relatat mal-koeżjoni soċjali u mas-sistema tal-protezzjoni soċjali kif ukoll ir-rabta mal-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali u enfasi fuq it-tfal u ż-żgħażaġh.
- (23) Simulazzjonijiet stilizzati mis-servizzi tal-Kummissjoni jistmaw li l-RRP modifikat, inkluża l-kontribuzzjoni finanzjarja miżjuda, flimkien mal-bqija tal-miżuri tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, għandhom il-potenzjal li jżidu l-PDG tal-Ġermanja b'bejn 0,4 % u 0,8 % sal-2025, li ma jinkludux b'mod espliċitu l-impatt pożittiv possibbli tar-riformi strutturali.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (24) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-Anness V, il-kriterju 2.4, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura (Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investimenti inklużi f'dan l-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti").
- (25) Il-Ġermanja żiedet il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa tal-miżuri 1.2.1 u 1.2.3 li kienu diġà inklużi fl-RRP oriġinali, li ġie vvalutat b'mod pożittiv rigward il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". Il-modifika għal dawk il-miżuri ma taffettwax in-natura tagħhom u l-valutazzjoni tibqa' l-istess. Barra minn hekk, il-miżura 1.1.6 li għadha kif ġiet introdotta, li tipprovi appoġġ għal sistemi ta' tisħin distrettwali ekoloġiku, ma tappoġġax sorsi tas-sħana li jużaw il-fjuwils fossili, tiddekarbonizza n-networks tat-tisħin eżistenti u tiffoka fuq l-integrazzjoni ta' sorsi tas-sħana rinnovabbli u sħana mormija għal networks ġodda. Fuq din il-bażi, l-RRP modifikat huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura "ma tagħmel ħsara sinifikanti".

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (26) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-bieċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 47.0 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (27) Il-miżura 1.1.6 dwar il-finanzjament federali għal networks tat-tisħin distrettwali ekoloġiku għandha l-għan li tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra zero netti fis-settur tat-tisħin kif ukoll fis-setturi relatati (bini u industrija) sal-2045 u f'konformità mal-miri interim fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tal-Ġermanja. It-tisħin

⁶ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

distrettwali ekoloġiku jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tas-sustanzi niġġiesa fis-settur tal-enerġija, tal-industrija u tal-bini, inkluż permezz tas-sostituzzjoni ta' boilers individwali billi jikkonnettja l-bini man-network, titjib fl-effiċjenza enerġetika u l-eliminazzjoni gradwali tal-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam. Il-miżura se taħdem flimkien ma' riformi importanti fis-settur tal-bini u tat-tisħin Ġermaniż u b'finanzjament komplementari ffinanzjat fil-livell nazzjonali għat-tisħin distrettwali bħall-Att dwar il-Koġenerazzjoni. Il-miżura għandha tiddependi biss fuq il-bijomassa sostenibbli u b'hekk tikkontribwixxi għall-preservazzjoni tar-rikkezza tal-ispeċijiet.

- (28) Il-miżuri 1.2.1 u 1.2.3 huma mistennija jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport billi jaċċelleraw l-adozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero u jtejbu d-disponibbiltà tal-infrastruttura tal-iċċarġjar. Il-miżuri kollha huma mistennija jkollhom kobenefiċċji għall-bijodiversità permezz tal-effett mistenni tagħhom fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu l-arja kif ukoll tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG).

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (29) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 48.1 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP modifikat ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (30) Ir-reviżjoni tal-RRP Ġermaniż ma għandha impatt fuq l-ebda miżura diġitali tal-pjan. Fil-pjan modifikat, sehem sinifikanti tal-allokazzjoni totali jkompli jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni diġitali u prominenza tal-aspetti diġitali fil-maġġoranza tal-komponenti tagħha, l-RRP Ġermaniż jagħmel enfasi qawwija fuq it-tranżizzjoni diġitali u l-isfidi li jirriżultaw minnha fis-setturi kollha.

Impatt deġġiem

- (31) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g), u mal-Anness V, il-kriterju 2.7, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat huwa mistenni jkollu impatt deġġiem fuq il-Ġermanja fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A).
- (32) L-RRP modifikat iżid l-ambizzjoni tal-RRP kollu kemm hu, b'aktar investimenti mistennija jkollhom impatt deġġiem b'mod partikolari fir-rigward tat-tranżizzjoni ekoloġika. B'mod partikolari, iż-żieda fl-appoġġ għall-espansjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar u s-sostituzzjoni tal-flotta ta' vetturi privati tista' żżid l-effetti fuq l-iskala billi taċċellera t-tranżizzjoni. L-espansjoni tan-networks tat-tisħin distrettwali tirriżulta fil-provvista ta' infrastruttura b'haġja twila.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (33) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h), u mal-Anness V, il-kriterju 2.8, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inklużi l-iskeda ta' żmien, l-istadji importanti u l-miri previsti, u l-indikaturi relatati.
- (34) Il-valutazzjoni inizjali tal-RRP, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h), u l-Anness V, il-kriterju 2.8, tar-Regolament (UE) 2021/241, sabet li l-arranġamenti proposti fl-RRP huma adegwati biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi

tal-RRP, inkluż l-iskeda ta' żmien, l-istadji importanti u l-miri previsti, u l-indikaturi relatati.

- (35) L-arranġamenti proposti fl-RRP inizjali jibqgħu fis-seħħ u ma tiġix affettwata l-valutazzjoni pożittiva preċedenti. Il-korp ta' koordinazzjoni fil-Ministeru Federali għall-Finanzi u l-Ministeri kompetenti huma responsabbli għall-implimentazzjoni effettiva tal-pjan. L-arranġamenti varji stabbiliti għat-tfassil, in-negozjar u l-iżgurar ta' implimentazzjoni effiċjenti u regolari tal-pjan huma kredibbli f'termini ta' mandat legali u kapaċità amministrattiva. L-istadji importanti u l-miri tal-pjan jikkostitwixxu sistema xierqa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan. L-istadji importanti u l-miri huma ċari u realistiċi, u l-indikaturi għal dawk l-istadji importanti u l-miri huma rilevanti, aċċettabbli u robusti. L-istadji importanti u l-miri huma rilevanti wkoll għal miżuri diġà kompluti li huma eliġibbli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-mekkaniżmi ta' verifika, il-ġbir tad-*data* u r-responsabbiltajiet deskritti mill-awtoritajiet Ġermaniżi jidhru robusti biżżejjed biex jiġġustifikaw it-talbiet għal żborż b'mod adegwat mal-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u tal-miri.

Kostijiet

- (36) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP modifikat dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmata tal-RRP hija moderatament (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (37) L-informazzjoni dwar il-kostijiet ipprovduta mill-Ġermanja għaż-żewġ miżuri modifikati u miżura waħda ġdida ma taffettwax il-klassifikazzjoni B tal-pjan oriġinali. Il-Ġermanja pprovdiet informazzjoni dettaljata għall-investiment il-ġdid u għal dawk l-investimenti li għalihom il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa żdied fl-RRP aġġornat skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-kostijiet stmata ta' dawk l-investimenti huma f'konformità man-natura u t-tip tagħhom u huma akkumpanjati mill-evidenza u l-analiżi rilevanti tal-kostijiet. Il-kostijiet tal-miżura l-ġdida relatati mat-tisħin distrettwali huma ġustifikati sew, raġonevoli, plawżibbli u ma jinkludux il-kostijiet koperti minn finanzjament eżistenti jew ippjanat ieħor tal-UE. Għall-miżura l-ġdida, kienu limitati d-dettalji dwar il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet sottostanti għall-istimi tal-kostijiet ipprovduti. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP modifikat huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huma proporzjonati mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (38) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), u mal-Anness V, il-kriterju 2.10, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat u l-miżuri addizzjonali li jinsabu f'din id-Deċiżjoni huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jużaw il-fondi pprovduti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħra tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra għall-promozzjoni u l-infurzar tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-

frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷.

- (39) Il-valutazzjoni oriġinali tal-RRP, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), u mal-Anness V, il-kriterju 2.10, tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkonkludiet li l-arranġamenti proposti fl-RRP oriġinali kienu adegwati biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jużaw il-fondi previsti skont dak ir-Regolament, u li l-arranġamenti kienu mistennija jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħra tal-Unjoni. Peress li ma ġiet introdotta l-ebda bidla, dik il-valutazzjoni tibqa' rilevanti.

Koerenza tal-RRP

- (40) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (k), u mal-Anness V, il-kriterju 2.11, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat jinkludi fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.
- (41) L-RRP modifikat jagħmel bidliet fi tnejn mill-għaxar komponenti eżistenti. Il-modifiki li saru ma jbidlux il-koerenza ġenerali tal-RRP, filwaqt li jqisu l-mod kif il-komponenti jsaħħu u jikkomplementaw lil xulxin. Iż-żewġ miżuri li għalihom żdied il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa, u l-miżura l-ġdida, ikomplu jsaħħu t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jippromwovu l-użu tal-enerġija rinnovabbli li huwa partikolarment importanti fil-kuntest tat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili.

Proċess ta' konsultazzjoni

- (42) L-RRP modifikat jispjega li l-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati (Länder, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tal-benesseri, assoċjazzjonijiet ambjentali, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili) saru u se jkomplu jsiru matul l-implimentazzjoni tal-pjan oriġinali kif ukoll dak modifikat fuq bażi regolari. Bi tħejjija għall-RRP modifikat, l-awtoritajiet Ġermaniżi kellhom laqgħat mal-Länder, mas-sħab soċjali u mal-organizzazzjonijiet tal-benesseri kif ukoll mal-assoċjazzjonijiet ambjentali. Matul dawn il-laqgħat il-miżuri previsti għall-aġġornament tal-RRP ġew ippreżentati lill-partijiet ikkonċernati, u diskussi magħhom. Twieġbu mistoqsijiet individwali, u tqiesu l-kummenti u s-suġġerimenti meta ġew iffinalizzati l-miżuri għall-pjan. Il-feedback riċevut matul il-proċess ta' konsultazzjoni oriġinali, b'mod partikolari fir-rigward tal-meħtieġa li jsir investiment fl-espansjoni u t-trasformazzjoni ta' sistemi ta' tisħin distrettwali biex jiġu integrati l-enerġija rinnovabbli u s-sħana mormija, ġie kkunsidrat fil-miżura l-ġdida "Appoġġ federali għal networks effiċjenti tas-sħana". Biex tiġi żgurata sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP modifikat.

Valutazzjoni pożittiva

- (43) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP modifikat, bis-sejba li l-pjan jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-

⁷ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (44) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP modifikat huma ta' EUR 28 749 958 599.⁸ Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP modifikat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Ġermanja, il-kontribuzzjoni finanzjarja kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11 allokata għall-RRP modifikat tal-Ġermanja jenħtieġ li tkun uguali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-RRP modifikat tal-Ġermanja. Dan l-ammont huwa ta' EUR 28 018 501 973.
- (45) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ST 10158/21 u ST 10158/21 ADD 1 tat-13 ta' Lulju dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għall-Ġermanja, kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ST 5536/23 tal-14 ta' Frar 2023, tiġi emendata skont dan.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) tat-13 ta' Lulju 2021 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat tal-Ġermanja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti relatati mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

- (2) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Ġermanja kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura li jammonta għal EUR 28 018 501 973⁹. Dik il-kontribuzzjoni tinkludi:

1. ammont ta' EUR 16 291 323 631 li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat b'mod legali sal-31 ta' Diċembru 2022;

⁸ Il-Ġermanja ppreżentat żewġ stimi tal-kostijiet. Il-valur gross tal-RRP emendat ta' EUR 30 181 006 986 jinkludi t-taxxa fuq il-valur miżjud (value added tax, VAT) għal xi miżuri, filwaqt li valur nett ta' mill-inqas EUR 28 749 958 599 jeskludi l-VAT.

⁹ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Ġermanja tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.”;

2. ammont ta' EUR 11 727 178 342 li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat b'mod legali mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.

(3) L-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) It-Taqsima 1: Riforzi u Investimenti skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza; 1. Deskrizzjoni ta' riforzi u investimenti hija emendata kif ġej:

(i) Fit-Taqsima A. Il-Komponent 1.1: Dekarbonizzazzjoni bl-użu tal-idroġenu rinnovabbli b'mod partikolari; A.1. Deskrizzjoni tar-riforzi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura, wara l-punt 1.1.5 Investiment: Proġetti ewlenin għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-kuntest tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Idroġenu, jiddaħħal il-punt il-ġdid li ġej:

“1.1.6 Investiment: Appoġġ federali għal networks effiċjenti tas-sħana

Il-miżura tikkonsisti minn appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' investiment għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistemi eżistenti ta' tisħin distrettwali, kif ukoll proġetti ta' investiment għall-kostruzzjoni ta' networks ġodda tat-tisħin distrettwali, li jespandu s-sehem tas-sħana minn sorsi rinnovabbli u s-sħana mormija.

Networks ġodda tat-tisħin distrettwali għandhom jiġu appoġġati b'mill-inqas 75 % tal-enerġija rinnovabbli u s-sħana mormija. Ma għandhomx jiġu ffinanzjati f'juwils fossili. L-appoġġ skont l-iskema għandu jingħata biss għall-ġenerazzjoni tas-sħana minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, inkluża l-bijomassa sostenibbli, u s-sħana mormija.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.”;

(ii) Fit-Taqsima A. Il-Komponent 1.1: Dekarbonizzazzjoni bl-użu tal-idroġenu rinnovabbli b'mod partikolari; A.2. Stadji importanti, miri, indikaturi u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura, wara r-ringiela 21, jiddaħħlu r-ringieli ġodda 21A, 21B u 21C li ġejjin:

“21 A	1.1.6 Appoġġ federali għal networks effiċjenti tas-sħana	Mira	Iffirmar ta' deċiżjonijiet ta' għotja	-	Deċiżjonijiet ta' għotja	0	200	Q4	2023	L-awtorità ta' implimentazzjoni, BAFA (<i>Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle</i>), iffirmit 200 deċiżjoni ta' għotja għal proġetti f'konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura.
21B	1.1.6 Appoġġ federali għal networks effiċjenti tas-sħana	Mira	Tlestija ta' studji tal-fattibbiltà u/jew pjanijiet ta' trasformazzjoni	-	Studji tal-fattibbiltà u/jew pjanijiet ta' trasformazzjoni	0	50	Q4	2024	Tlestew mill-inqas 50 studju tal-fattibbiltà u/jew pjan ta' trasformazzjoni f'konformità mal-linji gwida dwar il-finanzjament għal tisħin distrettwali effiċjenti mill-1 ta' Awwissu 2022 u ġew ippreżentati lill-awtorità ta' implimentazzjoni, (<i>Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle</i>) BAFA.
21C	1.1.6 Appoġġ federali għal networks effiċjenti tas-sħana	Mira	Żborż ta' EUR 570 miljun għall-proġetti appoġġati	-	F'miljuni ta' EUR	0	570	Q2	2026	Mill-EUR 570 000 000 allokat għall-miżura, ġew żborżati mill-inqas EUR 541 500 000 għall-proġetti appoġġati f'konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura.”;

(iii) Fit-Taqsima B. Il-Komponent 1.2: Mobbiltà li ma tagħmilx ħsara lill-klima; A/B.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura, ir-ringiela 24 hija sostitwita b'dan li ġej:

“2 4	1.2.1 Appoġġ għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar	Mira	Espansjoni tal-punti tal-irriċarġjar f'bini residenzjali	-	Eluf ta' punti tal-irriċarġjar f'bini residenzjali	0	689	Q4	2023	Mill-inqas 689 000 punt tal-iċċarġjar ġew iffinanzjati permezz tal-iżborż ta' appoġġ finanzjarju mill-iskema ta' għotjiet imħaddma mill-Ministeru Federali għad-Diġitali u t-Trasport (<i>Bundesministerium für Digitales und Verkehr, BMDV</i>).”;
---------	--	------	--	---	--	---	-----	----	------	---

(iv) Fit-Taqsima B. Il-Komponent 1.2: Mobbiltà li ma tagħmilx ħsara lill-klima; A/B.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura, wara r-ringiela 30, tiddaħħal ir-ringiela 30A li ġejja:

“30 A	1.2.3 Appoġġ għas- sostituzzjon i tal-flotta ta' vetturi privati	Mira	Appoġġ għax-xiri ta' 399 450 vettura elettrika	-	-	0	399 450	Q1	2025	Flimkien max-xiri appoġġat skont il-miri 29 u 30, ġie żborżat appoġġ ta' għotja lir-riċevituri għax-xiri ta' 399 450 vettura elettrica, (PHEV, BEV u FCEV) fuq il-bażi tal-linji gwida dwar il-finanzjament (BANz 07.07.2020 B2) li daħlu fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2020 kif ukoll kull linja gwida u emenda sussegwenti għal dawk il-linji gwida.
----------	--	------	--	---	---	---	---------	----	------	--

(v) fil-punt dwar il-“Kost totali stmat tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza”, is-sentenza “L-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Ġermanja huwa ta’ EUR 26 359 833 613” hija sostitwita b’dan li ġej: “Il-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Ġermanja huma ta’ EUR 28 749 958 599 .”;

(b) Taqsima 2: Appoġġ Finanzjarju, il-punt 1. Kontribuzzjoni finanzjarja, hija emendata kif ġej:

(i) fil-punt 1.2 It-Tieni Ħlas Parzjali (appoġġ li ma jitħallasx lura), l-ammont ta’ ħlas parzjali ta’ “EUR 7 531 239 794” fl-aħħar ringiela u kolonna huwa sostitwit b’“EUR 7 735 241 456”;

(ii) fil-punt 1.3 It-Tielet Ħlas Parzjali (appoġġ li ma jitħallasx lura), ir-ringiela 24 tiġi sostitwita b’dan li ġej:

“24	1.2.1 Appoġġ għall-kostruzzjoni ta’ infrastruttura tal-iċċarġjar	Mira	L-espansjoni ta’ punti tal-irriċarġjar fil-bini residenzjali”;
-----	--	------	--

(iii) fil-punt 1.3 It-Tielet Ħlas Parzjali (appoġġ li ma jitħallasx lura), tiddaħħal ir-ringiela l-ġdida li ġejja wara r-ringiela 3:

“21 A	1.1.6 Appoġġ federali għal networks effiċjenti tas-sħana	Mira	L-iffirmar ta’ deċiżjonijiet ta’ għotja”;
----------	--	------	---

(iv) fil-punt 1.3 It-Tielet Ħlas Parzjali (appoġġ li ma jitħallasx lura), l-ammont ta’ ħlas parzjali ta’ “EUR 6 857 606 743” fl-aħħar ringiela u kolonna huwa sostitwit b’“EUR 7 272 273 833”;

(v) fil-punt 1.4 Ir-Raba’ Ħlas Parzjali (appoġġ li ma jitħallasx lura), iż-żewġ ringieli ġodda li ġejjin jiddaħħlu wara r-ringiela 8:

“21B	1.1.6 Appoġġ federali għal networks effiċjenti tas-sħana	Mira	Tlestija ta’ studji tal-fattibbiltà u pjanijiet ta’ trasformazzjoni
30A	1.2.3 Appoġġ għas-sostituzzjoni tal-flotta ta’ vetturi privati	Mira	Appoġġ għax-xiri ta’ 399 450 vettura elettrika”;

(vi) fil-punt 1.4 Ir-Raba’ Ħlas Parzjali (appoġġ li ma jitħallasx lura), l-ammont ta’ ħlas parzjali ta’ “EUR 3 698 513 141” fl-aħħar ringiela u kolonna huwa sostitwiti b’“EUR 4 323 845 659”;

(vii) fil-punt 1.5 Il-Ħames Ħlas Parzjali (appoġġ li ma jitħallasx lura), tiddaħħal ir-ringiela l-ġdida li ġejja wara r-ringiela 20:

“21C	1.1.6 Appoġġ federali għal networks effiċjenti tas-sħana	Mira	– Żborż ta’ EUR 570 miljun għall-proġetti appoġġati”;
------	--	------	---

(viii) fil-punt 1.5 Il-Ħames Ħlas Parzjali (appoġġ li ma jitħallasx lura), l-ammont ta’ ħlas parzjali ta’ “EUR 3 927 710 259” fl-aħħar ringiela u kolonna huwa sostitwit b’“EUR 4 342 377 349”.

Artikolu 2
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President